Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Frar 2015
(OR. en)

6637/15

COPEN 66
EUROJUST 58
EJN 25

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Ivan Rogers, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 20 ta' Frar 2015 |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska<br>- Avviż mir-Renju Unit |

Sinjur,

Qed niktiblek biex ngħarrfek bid-dikjarazzjonijiet t'hawn taħt li saru mir-Renju Unit b'rabta mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska. Il-liġi domestika fir-Renju Unit li ddaħħal fis-seħħ dawn il-miżuri saret fit-3 ta' Diċembru 2014.

Id-dikjarazzjonijiet li ġejjin saru sabiex isir użu sħiħ u effettiv mid-Deċiżjonijiet Qafas fil-liġi domestika tar-Renju Unit.

Ir-Renju Unit jilqa' u jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u dan jikkumplementa l-liġi domestika tar-Renju Unit dwar l-irkupru ta' assi u l-konfiska ta' assi kif prevista mil-leġislazzjoni domestika tar-Renju Unit - L-Att tal-2002 dwar ir-Rikavati mill-Kriminalità.

Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI

B’rabta mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI, skont l-Artikolu 3 kull prosekutur fir-Renju Unit jista' jibgħat ordnijiet li jsiru fir-Renju Unit mill-qrati marbutin ma' proprjetà fi Stati Membri oħra. F’dak li għandu x’jaqsam ma’ ordnijiet magħmula mill-Istati Membri b'rabta ma' proprjetà fir-Renju Unit, il-korpi li ġejjin huma awtoritajiet kompetenti:

Għall-Ingilterra u Wales:

Crown Prosecution Service
Proceeds of Crime
Rose Court
2 Southwark Bridge
London
SE1 9HS
jew:
Serious Fraud Office
Proceeds of Crime
Serious Fraud Office
2-4 Cockspur Street
London
SW1Y 5BS

Għall-Irlanda ta' Fuq:

Public Prosecution Service for Northern Ireland
High Court & International Section
Belfast Chambers
93 Chichester Street
Belfast
BT1 3JR

jew:

Serious Fraud Office
Proceeds of Crime
Serious Fraud Office
2-4 Cockspur Street
London
SW1Y 5BS

Għall-Iskozja:

International Co-operation Unit
Crown Office
25 Chambers Street
Edinburgh
EH1 ILA
Tel: +44 (0)131 243 8152
Fax: +44 (0)131 243 8153
Indirizz elettroniku: coicu@copfs.gsi.gov.uk

Nisħqu li s-setgħa u r-responsabilità li jinħarġu u jiġu rikonoxxuti ordnijiet ta' konfiska huma kwistjoni f'idejn il-qorti tar-Renju Unit.

B'rabta mal-Artikolu 19(2), ir-Renju Unit ser jaċċetta biss ordnijiet, ċertifikati u dokumenti oħra ta' appoġġ miktuba bl-Ingliż (jew akkumpanjati minn traduzzjoni ċertifikata bl-Ingliż).

Nisħqu li s-setgħa u r-responsabilità li jinħarġu u jiġu rikonoxxuti ordnijiet ta' ffriżar huma kwistjoni f'idejn il-qorti tar-Renju Unit.

Jekk tixtieq tiddiskuti xi waħda mid-dikjarazzjonijiet imniżżla hawn fuq, Stephen Goadby mill-Uffiċċju tal-Affarijiet Interni jinsab lest li jipprovdi aktar dettalji -
stephen.goadby@homeoffice.gsi.gov.uk
+44 (0)20 7035 1559.

(Formola ta' għeluq)

(f.) Ivan Rogers